Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,304, 29 ta' Novembru, 2019
Taqsima B

A.L. 324 tal-2019

ATT DWAR IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA (KAP. 545)

Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kriterji ta' Sostenibbiltà tal-Biokarburanti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37(1) tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, il-Ministru responsabbli għall-Enerġija u l-Immaniġjar tal-Ilma, wara konsultazzjoni mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kriterji ta' Sostenibbiltà tal-Biokarburanti u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kriterji ta' Sostenibbiltà tal-Biokarburanti, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 545.28

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa li jittrasponu l-punti (p), (t) u (v) miżjuda bl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2015/1513 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (2) tal-artikolu 1 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "kif emendata mid-Direttiva 2009/30/KE.", għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kif emendata mid-Direttiva 2009/30/KE" u minnufih wara għandhom jiżdiedu l-kliem "u lill-punti (p), (t) u (v) miżjuda bl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2015/1513 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara t-tifsira "ir-Regolatur" għandhom jiżdiedu it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "residwi li ġejjin mill-agrikoltura, l-akkwakultura, is-sajd u l-forestrija" tfisser residwi li huma ġenerati direttament mill-agrikoltura, l-akkwakultura, is-sajd u l-forestrija; dawn ma

jinkludux residwi minn industriji relatati jew minn ipproċessar relatat;

"residwu tal-ipproċessar" tfisser sustanza li mhijiex il-prodott tal-aħħar li proċess ta' produzzjoni jkun maħsub li jipproduċi direttament; din mhijiex għan primarju tal-proċess ta' produzzjoni u l-proċess ma jkunx ġie mmodifikat apposta biex jipproduċiha;";

"skart" tfisser kull sustanza jew oġġett li d-detentur jarmi jew beħsiebu jew huwa meħtieġ li jarmi:

Iżda s-sustanzi li jkunu ġew modifikati jew kontaminati intenzjonalment biex ikunu skont it-tifsira ma jkunux koperti minn din it-tifsira;".